MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 855/1996/1

**Il-Korporazzjoni Telemalta**
**u b' digriet tal-5 ta' Gunju 1998 l-isem tas-socjeta` attrici ghandu jaqra "Maltacom p. l. c." li assumiet l-atti tal-kawza**

**Vs**

**Gladys Pilling**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fil-15 ta' Marzu 1996 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi skond il-ftehim bejn il-kontendenti kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi

moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta, il-konvenuta ghandha taghti lill-attur *nomine* is-somma ta’ Lm1623.65 (elf sitt mija u tlieta u ghoxrin lira u hamsa u sittin centezmu) bhala prezz ta’ servizz tat-*telephone* relattiv ghal-linja bin-numru 331794 u dan kif jidher mill-prospett esebit ma’ l-att tac-citazzjoni;

Premess illi interpellata sabiex thallas il-konvenuta baqghet inadempjenti;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur *nomine* s-somma ta’ Lm1623.65 dovuta minnu bhala prezz ta’ servizz tat-telefon relattiv ghal-linja bin-numru 331794, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-17 ta’ Novembru 1995 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta pprezentata fit-30 ta’ Settembru 1996, li permezz taghha hija eccepiet:-

Illi t-talbiet tal-Korporazzjoni attrici fil-konfront taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li din it-talba hija preskritta skond il-ligi u barra minn dan l-istess eccipjenti ilha li ddisponiet mill-fond fejn jinsab is-servizz tat-telefon in kwistjoni fl-4 ta’ Frar 1981;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta pprezentata fis-26 ta’ Awissu 2004, u dik tas-socjeta` attrici pprezentata fl-14 ta’ Ottubru 2004;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Il-kawza prezenti tikkonsisti minn talba da parte tal-korporazzjoni attrici, aktar tard sostitwita mis-socjeta` Maltacom p. l. c., ghal kundanna tal-konvenuta tal-hlas tal-kont tat-*telephone* ghall-perijodu Gunju 1990 - Ottubru 1991;

Kontra din it-talba l-konvenuta tiddefendi ruhha bl-eccezzjonijiet tad-dekorriment taz-zmien u li l-fond ma baqax disponibbli ghaliha wara l-4 ta’ Frar 1981 meta allura l-fond gie mibjugh u trasferit lil terzi;

Kwantu ghall-preskrizzjoni eccepita l-konvenuta tirrikonoxxi fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet taghha (fol. 55) illi, ankorke giet notifikata bl-ittra ufficcjali tas-17 ta’ Novembru 1995 (fol. 25), l-azzjoni kienet esperita ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

*Rebus sic stantibus*, ma jidherx li hu disputat illi dan l-artikolu tal-ligi kien jikkolpixxi azzjoni bhal din tendenti “ghall-hlas ta’ kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa’, skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni iqsar ...”. Ara decizjonijiet fl-ismijiet “**Post Master General *et* -vs- Michael James Falla *et***”, Qorti Civili, Prim' Awla, 13 ta’ Mejju 1980 u “**John Scicluna *nomine* -vs- Robert Spiteri**”, Qorti Civili, Prim' Awla, 5 ta’ Novembru 1992;

Il-kumpanija attrici pero` rrinfaccjat lill-konvenuta b' ittra ufficcjali ohra emessa fl-20 ta' April 1994 u debitament notifikata lill-konvenuta fis-26 ta' April 1994. Konsegwentenement, in vista ta' din il-prova l-preskrizzjoni eccepita ma tistax ikollha success billi hu evidentement car illi z-zmien li kien ghaddej gie interrot b' dan l-att gudizzjarju, kif hekk jiddisponi l-Artikolu 2128 tal-Kapitolu 16;

Eliminata din id-difiza, jifdal li jigi konsiderat jekk il-fatt li l-konvenuta ddisponiet mill-fond jistax jibbenefikaha fir-rezistenza taghha tat-talba attrici;

Jigi qabel xejn notat illi l-konvenuta ma xehdetx u ma ipproduciet l-ebda xhieda ohra, ghajr il-kopja tal-kuntratt ta' bejgh u trasferiment tal-fond lil terzi (fol. 41). Dan nonostante l-verbal tat-18 ta' Mejju 1999 (fol. 33);

Hekk ukoll jigi osservat illi nonostante id-digriet tal-Qorti, diversament presjeduta, tat-3 ta' Novembru 1999 (fol. 35) fuq ir-rikors tal-konvenuta tal-21 ta' Jannar 1999 (fol. 30) din baqghet ma pprezentatx l-eccezzjonijiet ulterjuri li talbet li tressaq;

Lanqas, del resto, ma ndenjat ruhha ggib dik il-prova li talbet li tipproduci bir-rikors taghha ta' l-4 ta' Dicembru 2003 (fol. 69), akkordat minn din il-Qorti b' digriet tat-22 ta' Dicembru 2003 (fol. 71);

Fil-verita` l-konvenuta illimitat ruhha biex tintavola nota ta' sottomissjonijiet (fol. 78) biex issostni l-argoment taghha illi hi ma kienetx tenuta thallas ghax kienet iddisponiet mill-fond u ghalhekk ma setghetx ghamlet uzu mil-linja telefonika *de qua*;

Dan premess, ghal dawk li huma l-fatti principali tal-kaz jirrizulta li s-socjeta` attrici esebiet l-applikazzjoni tal-konvenuta ghall-installazzjoni tas-servizz tat-*telephone* fil-fond 22 Graham Street, Sliema (fol. 5). Fuq dan id-

dokument hemm indikat in-numru tal-linja tat-*telephone* kif kien hekk jirrizulta fl-1977, data ta' l-installazzjoni;

L-istess socjeta` attrici esebiet ukoll prospett dettaljat dwar l-ammont mitlub (fol. 4);

Dawn il-provi ma gew bl-ebda mod ikkontestati mill-konvenuta u fil-fehma tal-Qorti dawn jibbastaw biex jissodisfaw il-grad ta' prova minima rikjesta in sostenn tat-talba attrici;

L-ispjega ghal dan hi li l-atti jiddemostraw l-ezistenza tar-rabta kontrattwali u allura l-konvenuta kellha titqies l-utenti tal-linja tat-*telephone* li tieghu ntalab il-hlas;

Min-naha l-ohra minn imkien mill-istess atti processwali ma jirrizulta illi l-konvenuta b' xi mod avzat lis-socjeta` attrici illi hi ma baqghetx l-utenti ta' din il-linja, kif hekk kien jinkombi fuqha li taghmel skond ir-regolamenti li jiggvernaw l-operazzjonijiet tas-socjeta` attrici;

Fin-nuqqas ta' dan it-taghrif, il-konvenuta kellha titqies li hi kienet ghadha s-*subscriber* registrata u ghalhekk responsabbli ghall-kontijiet reklamati.  Hi ma tistax tikkampa difiza gustifikattiva bis-semplici esebizzjoni tal-kuntratt imma kellha turi, ghall-konvinciment tal-Qorti, illi hi adempiet ruhha ma' l-obbligu li ggib il-fatt tat-trasferiment tal-fond lis-socjeta` attrici li pprovditilha s-servizz.  Mod iehor, hi ma tistax tlum lis-socjeta` attrici li tkompli tinsisti ghall-hlas minghandha.  Dan anke ghaliex ghall-istess socjeta` attrici l-fatt li fil-fond dahal terz jibqa' jitqies *res inter alios acta*, anke jekk dan beda jaghmel uzu hu mil-linja tat-*telephone*.  Setghet kieku riedet il-konvenuta titlob is-sejha fil-kawza ta' dan it-terz izda lanqas sa hawn ma waslet.  Ghall-inerzja taghha u assenza lampanti tal-provi jkollha issa tbati l-konsegwenzi.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi, prevja c-cahda ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici u b’ hekk tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma reklamata ta’ elf sitt mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm1623.65) kont ta’ l-uzu tat-*telephone* numru 331794, kif ukoll l-interessi fuq din is-somma kif mitlub;

L-ispejjez gudizzjarji jitbatew mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------